MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 1600/2000/1

**Atlas Insurance Agency Limited agenti Malta tas-socjeta’ estera Axa Insurance p.l.c. proprio u kif surrogata fid-drittijiet ta’ Nestle Products (Malta) Limited**

**vs**

**1.M.D. Trucking Ltd.**
**2. Lewis Magri & Sons Trucking Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta’ attrici fis-17 ta’ Novembru, 2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti jew min minnhom ihallasu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm890.50) bhala danni mgarrba mis-socjeta’ attrici ai termini ta’ polza ta’ assikurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tieghu li permezz taghha s-socjeta’ attrici kellha tindenizza lill-assigurat taghha ghad-danni li

huwa sofra fl-ammont fuq indikat, danni li kienu jikkonsistu f'nuqqasijiet sofferti fil-merkanzija ta' gelat li waslet Malta fuq vapur Maltese Falcon fit-18 ta' Novembru, 1999.

Prevja d-dikjarazzjoni li huma jew min minnhom kienu responsabbli ghad-danni mgarrba mill-attur.

Bl-ispejjez u interessi mid-data tan-notifika tal-avviz kontra il-konvenuti jew min minnhom li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' M.D. Trucking Ltd. fejn eccepiet:

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' konvenuta M.D. Trucking Ltd. m'hijiex responsabbli ghall-allegat nuqqasijiet sofferti fil-merkanzija ta' gelat li s-socjeta' attrici kellha tindenizza lill-assigurat taghha ghad-danni li huwa sofra.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' Lewis Magri & Sons Trucking Ltd fejn eccepiet :

1 Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' konvenuta Lewis Magri & Sons Trucking Ltd. m'hijiex responsabbli ghall-allegati nuqqasijiet sofferti fil-merkanzija ta' gelati illi s-socjeta' attrici kellha tindennizza lill-assigurat taghha ghad-danni li huwa sofra.
2 Salvi Eccessjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi s-socjeta' Nestle' Products Malta Limited, importat Malta permezz tal-MV Maltese Falcon, 632 kartuni gelati. Meta l-merkanzija twasslet fl-imhazen taghhom sabu illi kien hemm 592 kartuni. Ghalhekk

ghamlu l-'*claim*' mas-socjeta' assikuratrici, Atlas Insurance illi wara illi ghamlu l-verifiki taghhom hallsu l-ammont ta' tmien mija u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm890.50) bhala danni subiti mis-socjeta' Nestle' Products Malta Limited.

Peress illi l-merkanzija giet importata Malta b*'refrigerated container* is-socjeta' attrici kif surrogata fid-drittijiet ta' Nestle' Products Malta Limited qeghda tfittex lil M.D. Trucking il-proprjetarja tal-*refrigerated trailer* u lil Lewis Magri & Sons illi wasslu l-merkanzija Malta bit-trakk taghhom.

Xehdu f'din il-kawza Peter Saliba li huwa l-Marine Claims Manager tas-socjeta' attrici fejn ikkonferma illi hallsu lis-socjeta' Nestle' Products Limited l-ammont ta' tmien mija u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm890.50) bhala danni wara nuqqasijiet illi sabu fir-*refrigerated container.*

Mid-dokumenti esebiti, irrizulta illi mill-fabbrika tghabbew 632 *cartons* (ara dokument a fol 43). Il-Bill of Lading fol. 31 u 55 jidhru 632 *cartons* b'erba' pallets bl-ebda rimarka. Meta l-merkanzija waslet Malta r-rapprezentat tas-socjeta' konvenuta M.D. Trucking, is-sur Debono nizel jiccekkja s-sigilli u t-temperatura tal-*container* u sab li kollox kien f'postu. Il-*container* ittiehed fil-*bonds* ta' M.D. Trucking, Hal-Far. Minn hemmhekk gew ir-rapprezentant tad-Dwana, Lawrence Falzon fejn kisser is-sigilli u l-*container* infetah, fejn kollox kien jidher f'postu bla nuqqasijiet. Lawrence Falzon a fol 43 jaghraf il-firma tieghu fuq id-dokumenti u jikkonferma illi huwa rrilaxxa 632 *cartons*. Il-piz ta' din il-merkanzija kien jaqbel ma dak dikjara, ma kien hemm xejn nieqes. Wara dan, il-kumpannija M.D. Trucking hadet il-merkanzija fl-imhazen ta' l-importatur, u cioe' Nestle' Products Malta Limited fejn hemmhekk instabu n-nuqqasijiet.

Anton Ferris a fol 52 xehed illi huwa l-Financial Controller ta' M.D. Trucking. Din il-kumpannija pprovdit ir-*refrigerated container* u s-socjeta' Lewis Magri pprovdiet it-trakk. Din l-ahhar socjeta' waslet il-merkanzija Malta u wkoll hadet hsieb it-trasport mill-port sa' l-imhazen tas-

socjeta' M.D. Trucking. Meta l-*container* infetah fl-imhazen taghhom ma kien hemm xejn nieqes. Anton Ferris ikompli "Pero', fil-kaz ta' Nestle' Products konna ahna li wassalna l-merkanzija fl-imhazen ta' l-importatur…. Nikkonferma li Nestle' ikkomunikat maghna biss. L-ordni lilna biss saret." Fil-kors tax-xhieda tieghu esebixxa ittra datata 24 ta' Novembru, 1999 a fol 56, fejn wara korrispondenza mas-socjeta' Lewis Magri dina qalet illi d-*driver* taghha ma kienx awtorizzat jara l-merkanzija titghabba u ghalhekk is-socjeta' Lewis Magri ma kinitx responsabbli. Di piu' skond dik l-ittra ttghabbew tliet *pallets* u mhux erbgha.

John Zammit a fol 59 xehed illi huwa impjegat bhala *driver* mas-socjeta' Lewis Magri u kien hu illi mar fil-fabbrika ta' Nestle' u ghabba l-merkanzija fir-*refrigerated container*. Gharaf il-firma tieghu fuq il-Bill of Lading fil-kaxxa bin-numru 23. Mal-firma tieghu kiteb ukoll STC, li tfisser 'said to contain'.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti m'ghadha l-ebda dubbju illi meta l-*container* wasal Malta u ttiehed fl-imhazen ta' M.D. Trucking, il-merkanzija kienet ghadha shiha u ntatta. Is-socjeta' estera baghtet 632 *cartons* u hemmhekk gie verifikat illi waslu Malta 632 *cartons*.

Kienet ir-responsabbilta' tas-socjeta' M.D. Trucking illi twassal din il-merkanzija ghand l-importatur. Ma hemmx dubbju wkoll li meta l-merkanzija waslet ghand l-importatur kien hemm xi *shortages*, li ghalihom ghamlet tajjeb l-assikurazzjoni attrici.

Il-Qorti hija sodisfatta illi dan in-nuqqas sar jew mill-imhazen ta' M.D. Trucking jew inkejja fit-triq meta din l-ahhar socjeta' kienet qed twassal il-merkanzija ghand l-importatur, f'liema kaz allura l-merkanzija kienet ghadha taht ir-resposabbilta' tas-socjeta' konvenuta, M.D. Trucking. Ir-resposabbilta' tad-ditta Lewis Magri kienet illi l-*container* jitwassal sal-port. Dan gie sodisfatt minghajr

incidenti u l-merkanzija twasslet qawwija u shiha sa l-imhazen tas-socjeta’ konvenuta M.D. Trucking. Kien wara li nfetah il-*container* fil-hin bejn l-ispezzjonar tal-merkanzija u l-wasla taghha ghand l-importatur illi gew verifikati n-nuqqasijiet. Ta’ dan ghandhom ikunu responsabbli l-M.D. Trucking la l-merkanzija kienet f’idejhom.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi fil-waqt li tillibera lis-socjeta’ konvenuta, Lewis Magri & Sons mill-osservaza tal-gudizzju,

Tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici; u

Tikkundanna lis-socjeta’ M.D. Trucking Limited illi thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ tmien mija u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm890.50) bhala danni mgarrba mis-socjeta’ attrici ai termini ta’ polza ta’ assikurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tieghu li permezz taghha s-socjeta' attrici kellha tindenizzaa lill-assigurat taghha ghad-danni li huwa sofra fl-ammont fuq indikat, danni li jikkonsistu f’nuqqasijiet sofferti fil-merkanzija ta’ gelati li waslet Malta fuq il-vapur Maltese Falcon fit-18 ta’ Novembru, 1999.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-avviz kontra s-socjeta’ konvenuta M.D. Trucking Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------